**QORTI CIVILI – PRIM'AWLA**

# IMHALLEF:

# ONOR. DR. GINO CAMILLERI,LL.D.

# SEDUTA tat-18 ta' Mejju, 2001.

**Citazzjoni numru 698/01GC**

**DERECO STORES LIMITED GJA MAGHRUFA BHALA DEREK COLD STORES LIMITED**
**VS.**
**M.A. SUPERMARKETS LIMITED**

Il-Qorti;

Rat ic-citazzjoni li biha is-socjeta attrici wara li ppremettiet:-

Illi is-socjeta attrici hija kreditrici tas-socjeta konvenuta fis-somma ta' Lm3045.26 (tlett elef u hamsa u erbghin lira maltin u sitta u ghoxrin centezmu) rapprezentanti ammont bilancjali dovut ghall-diversi konsenji ta''laham u ikel iehor mibjugha u konsenjati lis-socjeta konvenuta kif jidher mill-istatement hawn anness u mmarkat Dok B u mit-transaction history immarkata Dok. C;

Illi minkejja li is-socjeta konvenuta giet interpellata diversi drabi sabiex thallas dan il-bilanc u xorta baqghet inadempjenti;

Illi dan id-debitu huwa cert,likwidu u dovut, u jezistu l-elementi kollha rikjesti mill-ligi a tenur tal-artiklu l67-l70 tal-Kodici u Procedura Civili, u l-istanti nomine qed jannetti ma dan l-att affidavit (Dok A) a

tenur tal-istess artikoli tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili;

Talbet ghalhekk lis-socjeta konvenuta tghid ghaliex, ghar-ragunijiet premessi, m'ghandiex dina l-Onorabbli Qorti:-

1. Tipprocedi ghas-sentenza skond it-talba tal-istanti, bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza a tenur ta' l-Artikoli l67-l70 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2) tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lis-socjeta attrici is-somma ta' Lm3045.26 (tlett elef u hamsa u erbghin lira maltija u sitta u ghoxrin centezmu) rapprezentanti ammont dovut lis-socjeta attrici ghall-diversi konsenji ta' laham u ikel iffrizat iehor mibjugha u kionsenjati lis-socjeta konvenuta.

Bl-ispejjes tal-prezenti, tal-mandat ta' qbid numru 1189/01AL presentat kontestwalment u bl-imghax legali mil-1 ta'Dicembru, 2000 data tal-ahhar konsenja sal-effettiv pagament kontra is-socjeta konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni

Rat l-affidavit tas-socjeta attrici u id-dokumenti l-ohra;

Rat li is-socjeta konvenuta debitament notifikata fiz-zmien preskritt mill-ligi baqghet kontumaci u fis-seduta tallum imsejjha tlett darbiet lanqas ma deheret;

Peress li fic-cirkostanzi t-talbiet kif dedotti fic-citazzjoni jidhru gustifikati u jidher wkoll li hemm lok li is-sentenza tinghata illum

stess, bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza, skond il-procedura tal-artikolu l67 et sequitur tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili;

Tiddeciedi billi tilqa' it-talbiet tas-socjeta attrici kif dedotti fic-citazzjoni, bl-imghaxijiet legali u bl-ispejjes kontra is-socjeta konvenuta.

Imhallef

Deputat Registratur